HAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 08 IT-TNEJN 15 TA' OTTUBRU 2012**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru 2012 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Jason Busuttil, Carmel Farrugia, Jerome Caruana Cilia (fis-7.30), Margaret Mercieca (fis-7.16), Antoine Saliba u Sean Meli.

Il-Kunsillier Robert Cremona kien skużat minħabba impenji ta' xogħol.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**08/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 07**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 07 li nżammet nhar it-Tnejn 24 ta' Settembru 2012, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 07 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**08/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**08/02/01** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar il-laqgħa li saret mal-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali dwar il-proġett ta' kontra l-għargħar. Is-

Sindku kompliet tgħid li l-Kunsill ġie infurmat li l-proġett għandu jibda fil-bidu tas-sena 2013 u jinvolvi billi jsir culvert kbir (tmien metri wiesgħa u metru w'nofs fond) fi Triq il-Wied, filwaqt li ser jiġu modifikati l-pontijiet li hemm fl-istess wied. Il-pont tal-konkos ser jiġi mneħħi.

**08/02/02** **Is-Sindku** infurmat li l-Kunsill li fil-laqgħa li saret mat-Transport Malta dwar l-iskema ta' parkeġġ ikkontrollat bil-ħin, il-Kunsill ġie mistieden sabiex japplika biex din l-iskema tidħol fiz-zona tal-Blat 2 u fiz-zona tal-Bajjada.

**08/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li irnexxiela tottjeni *sponsorship* mingħand *Banif Bank* sabiex isiru żewġ *noticeboards* tal-Kunsill fil-lokalita'. Dan l-arranġament jinkludi ftuħ ta' kont bankarju ma' dan il-bank.

**08/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex sakemm jiġi rranġat l-arblu li hemm fuq il-Kunsill mhux ser jitilgħu bnadar minħabba li l-arblu jinstab f'kundizzjoni kritika. Is-Sindku fakkret li inħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet biex issir il-manutenzjoni tal-arblu.

**08/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsillier li fuq inizjattiva tal-Kunsillier Antoine Saliba Haig il-Kunsill ser jikkomemora l-*Breast Cancer Awareness Campaign* billi jorganizza xi attivitajiet. Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig għandu jikkordina din l-attivita' fejn għandu jistieden lill-kunsilliera oħrajn li huma interessati jgħinu fl-attivita'.

**08/02/06** Fuq mistoqsija **tal-Kunsillier Sean Meli, il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li l-proġett tal-ESF dwar il-piroteknika hemm xi diffikultajiet min-naħa tal-*Project Leader* mal-PPCD li iżda għad m'hemmx deċizjoni dwar jekk il-proġett jibqax għaddej.

**08/02/07** **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca attendiet għal-laqgħa fis-7.16pm.**

## 08/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' SETTEMBRU 2012

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2012, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Settembru 2012
**b)** *Bank Payments* Settembru 2012
**c)** *Petty Cash* Settembru 2012

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Disa’** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**08/04 MOZZJONIJIET**

**08/04/01 MOZZJONI NRU 43/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni Nru 43/2012(VI)

“Biex il-Kunsill ikun aktar viċin iċ-ċittadini Qriema;

Biex il-pubbliku mill-kumdita’ ta’ darhom isegwu s-seduti tal-Kunsill;

Biex iċ-ċittadini Qriema jkollhom l-faċilita’ li jkunu infurmati bid-deċiżjonijiet tal-Kunsill;

Nipproponi li s-seduti tal-Kunsill Lokali jibdew jiġu *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

Nipproponi li l-Kunsill jibda l-proċeduri biex dan il-proposta tista’ sseħħ.”

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur il-Disgħa (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 43/2012 (VI).**

**08/04/02 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia attenda għal-laqgħa fis-7.30pm.**

**08/04/03 MOZZJONI NRU 44/2012(VI)**

**Il-Kunsillier Sean Meli** ressaq il-mozzjoni Nru 44/2012 (VI).

Hekk kif qed se tkun qed tinżamm kompetizzjoni tar-ritratti bit-tema *‘L-eta’ mhux importanti’* sabiex tissinifika l-importanza tal-anzjani fis-soċjeta’ Maltija speċjalment dik Qormija. Dan ukoll qed isir sabiex is-sena Ewropea bit-tema tal-anzjanita’ attiva tkun imfissra fuq livell lokali.

Għalhekk qed jiġi suġġeriet sabiex jitwaqqaf kumitat ta’ għażla li jkun iffurmat minn 4 Kunsilliera ~~u espert fil-fotografija~~ biex jagħżlu l-ġurija li trid tkun iffurmata minn 3 esperti fil-fotografija

L-ewwel tlett rebbieħa għandhom jingħataw tifkira u jiġu murija fid-Dielja.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 44/2012 (VI).**

**08/04/04 MOZZJONI NRU 45/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni Nru 45/2012(VI)

"Biex il-Kunsill Lokali ikun qed jipparteċipa b'mod attiv fil-festi tal-Milied;

Biex ikompli jaħdem id f'id mal-għaqdiet lokali;

Nipproponi biex bħalma għamel fis-snin preċedent il-Kunsill Lokali jidħol fi ftehim :-

mal-Għaqda Armar San Bastjan sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq San Sebastjan; mal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq il-Kbira; mal-Għaqda Soċjo Mużikali Aniċi sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq San Ġwakkin Schembri u l-madwar

Fejn il-Kunsill iħallas tal-ispejjez involuti li m'għandhomx jeċċedu l-Eur400 għal kull għaqda."

Wara diskussjoni fuq din il-mozzjoni, **is-Sindku Rosianne Cutajar** irtirat din il-mozzjoni sabiex tiġi mressqa fil-laqgħa li jmiss wara li tkun tkellmet mal-għaqdiet.

**08/05 RAPPORTI**

**08/05/01 SEJĦIET TA' KWOTAZZJONIJIET: – MANUTENZJONI TA' RESTAWR TA' STATWI : A. SAN PAWL B. SAN SEBASTJAN C. SAN ĠORĠ D. MADONNA TAR-RUŻARJU**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-iskedi ta' kwotazzjonijiet li daħlu għal kull offerta, kif ukoll ir-rapport tal-perit tal-Kunsill **'DOK B'**

A. Statwa San Pawl

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Kap Services Ltd | €1593 |
| 2. | Paul Borg | €2500* |
| 3. | MTR Contracting Ltd | €3650 |

B. Statwa San Sebastjan

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Kap Services Ltd | €1593 |
| 2. | Paul Borg | €2500* |
| 3. | MTR Contracting Ltd | €2900 |

C. Statwa San Ġorġ

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Kap Services Ltd | €1593 |
| 2. | Paul Borg | €2500* |
| 3. | MTR Contracting Ltd | €3000 |

D. Statwa Madonna tar-Ruzarju

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Kap Services Ltd | €1593 |
| 2. | Paul Borg | €2500* |
| 3. | MTR Contracting Ltd | €3150 |

* Jekk jiġi mogħti l-erba' offerti, il-prezz jinżel għall-Eur1875

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** xtaq jiddikjara li peress li kuntrattur minnhom kien ippreżenta kwotazzjoni qabel ma ħarġu is-sejħiet għall-kwotazzjonijiet, huwa qatt ma għadda dik l-informazzjoni lil ħaddieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wara li kienet intalbet kwotazzjoni liż-żewġ kuntratturi li kienu għamlu l-intervent oriġinali sentejn ilu, fejn kuntrattur minnhom kien bagħat kwotazzjoni, il-Kunsill ħareġ is-sejħa għall-kwotazzjonijiet minħabba li l-ammont mitlub kien jaqbeż it-*threshold* ta' *direct order*, kif kien ġie deċiż fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** irrakkomanda li jsiru intervisti lill-kuntratturi li tefgħu l-kwotazzjoni tagħhom qabel ma tittieħed deċizjoni.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ressaq mozzjoni

"Wara li rajna r-rapport tal-perit tal-Kunsill, nipproponi li għall-erba' sejħiet ta' kwotazzjonijiet ghall-manutenzjoni ta' statwi (A, B, C, D) jintgħazel l-orħos offerent, Kap Services Ltd, ġaladarba it-tlett kwotazzjonijiet mitfugħa huma *technical compliant."*

Il-Kunsillier Charles Farrugia issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera.** Wieħed (1) ivvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** iddikjara li huwa ivvota kontra "peress li r-rapport tal-perit ma fihx dettalji li wieħed jista' jasal għall-konklużjoni."

**Il-Kunsillier Ralph Puli** xtaq jiddikjara li huwa vvota favur b'riserva u dan għaliex "il-perit għandu jkun aktar ċar fir-rapport tiegħu bħalma għamel f'rapporti preċedenti għaliex il-kunsillier mhumiex teknikament kompetenti u għandu jagħti direzzjoni."

**Il-Kunsill approva din il-Mozzjoni u għaldaqstant il-Kunsill għandu joħroġ l-ittri ta' aċċettazzjoni lill-kuntrattur, Kap Services Ltd.**

**08/06 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'F 1-5**

1. Ittra mill-Għaqda tan-Nar 23 ta' April sabiex il-ħruq tal-logħob tan-nar tal-art isir aktar il-ġewwa fi Triq il-Wied u l-Kunsill jieħu ħsieb li jagħmel it-toqob u l-*covers* tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Għaqda tan-Nar jibgħatu *site plan* indikata fuqha il-post il-ġdid fejn ser jinħaraq in-nar. Il-Kunsill qabel nem.con li jieħu ħsieb it-toqob u l-*covers* taghhom.

2. Ittra minn resident ta' Palazzo Stagno fejn dan qed iżomm lill-Kunsill Lokali responsabbli għad-danni peress li qed jidħollu ħafna ilma tax-xita ma' kull maltempata. Il-Kunsill għandu jirrispondih b'ittra legali permezz tal-avukat tal-Kunsill fejn insostnu li l-Kunsill mhuwiex responsabbli għal kostruzzjoni tat-toroq.

3. Memo 38/2012 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsilli ġew mistiedna biex japplikaw ghall-fondi taħt l-iskema tal-

attivitajiet. Il-Kunsill għandu jistieden lill-għaqdiet lokali sabiex il-Kunsill jibgħat dawn l-applikazzjonijiet għall-attivitajiet li l-għaqdiet jixtiequ jagħmlu konġuntament mal-Kunsill Lokali.

4. Ittra minn resident ta' Triq Bellic dwar sinjali sofor li għadhom kemm saru ma' garaxx fl-istess triq, liema sinjali saru bil-permess tat-Transport Malta. Il-Kunsill qabel li jirrakomanda li titwessa' l-bankina b'nofs metru.

5. Ittra biex titneħħa linja safra minn quddiem uffiċċju fi Triq il-Vitorja. Il-Kunsill għandu jibgħat lit-Transport Malta sabiex tinvestiga jekk is-sit huwiex garaxx jew ħanut u tittieħed l-azzjoni meħtieġa skont il-każ.

**08/07 INFORMAZZJONI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara l-laqgħa li saret mal-Pulizija, il-Kunsill ġie infurmat li kien sar infurzar mill-Pulizija fiz-zona ta' Triq il-Wied fil-ħinijiet ta' filgħodu fejn kien qed ikun hemm abbużi ta' vetturi li jgħaddu minn toroq *wrong way*.

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** xtaq jifraħ lill-**Kunsillier Sean Meli** tal-inizjattiva dwar il-Walking Club li kienet suċċess fejn applikaw 112 persuna.

**08/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru 2012 fis-6:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-09:30 ta' fil-għaxija.

Rosianne Cutajar<br>Sindku

Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ....................... ......... ta' ...................... 2012.
(Jum) (Data) (Xahar)